MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 273/2008

**Michael Attard Limited (C32362)**

**vs**

**Marisa Tabone**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimata ghall-hlas tas-somma ta' tmint elef mija u tlettax-il Ewro u sebghin centezmu (€8,113.70) rapprezentanti import ta' erbatax (14)-il kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-intimata, kopja ta' liema tinsab annessa ma' l-avviz promotur;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv;**

**Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata id-29 t'Ottubru tas-sena 2008 fejn cediet il-mertu tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez;**

**Rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti rigwardanti l-kap tal-ispejjez sabiex l-intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment l-intimata naqset u ma dehritx, la fid-29 t'Ottubru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum;**

**Billi l-intimata ma resqet l-ebda prova rigwardanti l-kap ta' l-ispejjez;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti rigward l-istess kap indikat fil-paragrafu precedenti u tikkundanna lill-intimata thallas l-ispejjez indikati fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------